KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MEDINA
ippreżentati fit-30 ta' Marzu 2023[1]

Kawża C-758/21 P

Ryanair DAC,
Airport Marketing Services Ltd
vs

Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell – Għajnuna mill-Istat – Għajnuna implimentata mill-Awstrija favur l-ajruport ta' Klagenfurt, Ryanair u kumpanniji tal-ajru oħra li jużaw dan l-ajruport – Artikolu 85(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali – Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2015/1589 – Data rilevanti għall-kalkolu tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata"

1. Permezz tal-appell tagħhom, Ryanair DAC u l-Airport Marketing Services Ltd ("AMS" u, flimkien, l-"appellanti") qegħdin jitlobu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Settembru 2021, Ryanair *et* vs Il-Kummissjoni (T-448/18, mhux ippublikata EU:T:2021:626) (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata") Din is-sentenza ċaħdet ir-rikors tagħhom intiż għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/628[2], sa fejn din kienet tikkonċerna lil dawn l-appellanti.

I. Il-kuntest ġuridiku

2. Il-kuntest tat-tilwima huwa deskritt fil-punti 1 sa 39 tas-sentenza appellata. Għall-finijiet ta' dan l-appell, dan jista' jiġi miġbur fil-qosor kif ġej.

3. Ryanair hija linja tal-ajru u AMS hija s-sussidjarja tagħha li tipprovdi soluzzjonijiet ta' strateġija ta' kummerċjalizzazzjoni, bil-parti l-kbira tal-attività tagħha tikkonsisti fil-bejgħ ta' spazju għar-reklamar fuq is-sit internet ta' Ryanair. L-ajruport ta' Klagenfurt (l-Awstrija) (iktar 'il quddiem l-"ajruport") jinsab fil-periferija ta' din il-belt, li hija l-kapitali tal-Provinċja ta' Carinthia. Is-sid u l-operatur tal-ajruport huma Kärntner Flughafen Betriebsgesellschaft mbH (iktar 'il quddiem "KFBG"). Is-sidien finali tal-azzjonijiet ta' KFBG dejjem kienu awtoritajiet jew entitajiet pubbliċi. KFBG hija sid assoluta tas-sussidjarja Destinations Management GmbH (iktar 'il quddiem "DMG"), li tipprovdi diversi servizzi lill-ajruport. B'mod partikolari, DMG aġixxiet

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Deċiżjoni tal-11 ta' Novembru 2016 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.24221(2011/C) (ex 2011/NN) implimentata mill-Awstrija għall-ajruport ta' Klagenfurt, Ryanair u linji tal-ajru oħra li jużaw l-ajruport (ĠU 2018, L 107, p. 1; iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

bħala konsulent biex tattira linji tal-ajru lejn l-ajruport u kkonkludiet diversi ftehimiet li permezz tagħhom il-linji tal-ajru rċevew somom kunsiderevoli ta' flus bi skambju għal servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni.

4. Fit-22 ta' Jannar 2002, ġew konklużi erba' ftehimiet. L-ewwel, KFBG u Ryanair ikkonkludew ftehim dwar is-servizzi tal-ajruport (iktar 'il quddiem l-"ASA tal-2002"). Dan il-ftehim daħal fis-seħħ fis-27 ta' Ġunju 2002 għal perijodu ta' ħames snin u kien jipprevedi tiġdid awtomatiku għal ħames snin oħra jekk Ryanair tosserva bis-sħiħ l-impenji tagħha skont dan il-ftehim. Skont dan il-ftehim, Ryanair impenjat ruħha li toffri servizz mill-inqas ta' kuljum bejn l-ajruport u l-ajruport ta' London Stansted mis-27 ta' Ġunju 2002 sas-26 ta' Ġunju 2007 b'tariffa fissa għal kull rotazzjoni. Barra minn hekk, Ryanair kellha timponi taxxa f'ammont fiss għal kull passiġġier li jitlaq bħala tariffa għas-servizzi tal-passiġġieri għall-ajruport flimkien ma' ammont fiss għal kull passiġġier li jitlaq bħala tariffa ta' sigurtà, u tħallas dawk it-tariffi lill-ajruport. L-ASA tal-2002 ta dettalji dwar id-diversi servizzi li l-ajruport kellu jipprovdi lil Ryanair u pprovda għal ċerti pagamenti oħra lill-ajruport.

5. It-tieni, DMG u Leading Verge.com Limited (iktar 'il quddiem "LV"), li saret FR Financing (Malta) Ltd (iktar 'il quddiem "FR Financing"), sussidjarja ta' Ryanair li minn dak iż-żmien 'l hawn ġiet stralċjata, ikkonkludew ftehim ta' servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni (iktar 'il quddiem l-"MSA tal-2002 bejn DMG u LV"). Dan il-ftehim daħal fis-seħħ fl-istess jum u kellu jintemm fis-26 ta' Ġunju 2007, b'tiġdid awtomatiku għal ħames snin oħra sakemm LV tkun wettqet bis-sħiħ l-impenji tagħha skont il-ftehim. Skont dan il-ftehim, DMG ikkummissjonat lil LV sabiex tiġġenera pjan promozzjonali, tirranġa l-provvista ta' links għall-paġna ewlenija ta' DMG u twettaq attivitajiet promozzjonali oħra bi ħlas annwali fiss.

6. It-tielet, DMG u AMS ikkonkludew ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni ieħor (iktar 'il quddiem l-"MSA tal-2002 bejn DMG u AMS"). Dan il-ftehim, li daħal fis-seħħ fl-istess jum għal terminu ta' ħames snin, kien jipprevedi estensjoni possibbli għal ħames snin addizzjonali. Skont dan il-ftehim, DMG ħatret lil AMS sabiex tistabbilixxi u topera, sa mhux iktar tard mill-1 ta' Mejju 2002 u bi ħlas annwali, żewġ links fuq is-sit internet www.ryanair.com għal siti internet magħżula minn DMG sabiex tenfasizza l-attrazzjonijiet tal-Provinċja ta' Carinthia. Dan il-ftehim stipula wkoll li l-AMS tista' potenzjalment tipprovdi servizzi addizzjonali.

7. Ir-raba, ittra ta' akkumpanjament mal-MSA tal-2002 bejn DMG u LV (iktar 'il quddiem l-"ittra ta' akkumpanjament tal-2002") ġiet konkluża u daħlet fis-seħħ fl-istess jum. Ġie miftiehem li, fir-rigward tal-MSA tal-2002 bejn DMG u LV, ħlas ieħor għal miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni addizzjonali u intensifikati matul il-perijodu tal-ftehim bejn DMG u LV kien pagabbli minn DMG lil LV.

8. L-ASA tal-2002, l-MSA tal-2002 bejn DMG u LV, kif emendat, u l-MSA tal-2002 bejn DMG u AMS (iktar 'il quddiem, flimkien, il-"ftehimiet tal-2002") intemmu fid-29 ta' Ottubru 2005 meta Ryanair waqqfet is-servizzi tagħha ta' trasport bl-ajru tal-passiġġieri bejn l-ajruport u l-ajruport ta' London Stansted.

9. Fit-23 ta' Awwissu 2006, KFBG u Ryanair ikkonkludew ftehim ġdid dwar is-servizzi tal-ajruport (iktar 'il quddiem l-"ASA tal-2006"). Dan il-ftehim kien jikkonċerna servizz tliet darbiet fil-ġimgħa lejn l-ajruport ta' London Stansted, li kellu jiġi operat mid-19 ta' Diċembru 2006 sal-21 ta' April 2007. Ryanair kienet obbligata tħallas it-tariffi uffiċjali tal-ajruport ta' Klagenfurt. Minħabba skema ta' inċentivi, Ryanair ibbenefikat minn inċentiv ta' EUR 7.62 għal kull passiġġier li jitlaq fuq is-servizz skedat il-ġdid.

10. Fil-21 ta' Diċembru 2006, DMG u AMS ikkonkludew ftehim ġdid ta' servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni (iktar 'il quddiem l-"MSA tal-2006"), li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Frar 2007. L-MSA tal-2006 kien marbut mal-impenn ta' Ryanair li topera t-titjiriet previsti mill-ftehim imsemmi fil-punt hawn fuq. L-AMS kienet obbligata tipprovdi pakkett ta' servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni kull sena li jfittex, b'mod partikolari, li jippromwovi d-destinazzjoni Klagenfurt/Carinthia.

11. L-ASA tal-2006 u l-MSA tal-2006 (flimkien il-"ftehimiet tal-2006") kienu applikabbli sal-21 ta' April 2007.

12. Fil-11 ta' Ottubru 2007, wara lment imressaq minn kompetitur ta' Ryanair fis-settur Ewropew tat-trasport tal-passiġġieri bl-ajru li jallega li Ryanair kienet ingħatat għajnuna mill-Istat illegali minn, b'mod partikolari, il-Provinċja ta' Carinthia, il-Belt ta' Klagenfurt, Kärnten Werbung Marketing & Innovations management GmbH u l-ajruport ta' Klagenfurt, permezz ta' KFBG, il-Kummissjoni bagħtet l-ilment lir-Repubblika tal-Awstrija u talbet iktar informazzjoni. Permezz ta' ittri tal-15 ta' Novembru 2010 u tal-24 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni fittxet informazzjoni addizzjonali mingħand l-Awstrija. Fit-8 ta' April 2011, il-Kummissjoni talbet iktar informazzjoni mingħand Ryanair, li mbagħad intbagħtet lill-Awstrija, li sussegwentement ipprovdiet il-kummenti tagħha.

13. Fit-22 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni infurmat lill-Awstrija bid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni stabbilita fl-Artikolu 108(2) TFUE, b'mod partikulari fir-rigward tal-ftehimiet tal-2002 u tal-2006 ma' Ryanair [3].

14. Permezz ta' ittri tad-29 ta' Mejju u tal-20 ta' Lulju 2012, il-konsulent legali ta' Ryanair talab, b'mod partikulari, aċċess għall-file amministrattiv li l-Kummissjoni ċaħdet.

15. Permezz ta' ittra tal-24 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni talbet lill-Awstrija iktar informazzjoni dwar ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni konkluż bejn l-ajruport u Ryanair fit-22 ta' Jannar 2002, li l-Awstrija wieġbet fil-11 ta' Ġunju 2014.

16. Fit-23 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li testendi l-proċedura ta' investigazzjoni.

17. Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat, b'mod partikolari, li, permezz tal-ftehimiet tal-2002 u tal-2006, ir-Repubblika tal-Awstrija tat għajnuna illegali lil Ryanair li kienet inkompatibbli mas-suq intern. Hija ddeterminat l-ammonti ta' għajnuna li jistgħu jiġu rkuprati fuq il-bażi tal-parti negattiva tal-fluss inkrementali annwali previst fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet inkwistjoni, għal kull sena li dawn il-ftehimiet kienu applikabbli. Hija kkonstatat li l-appellanti kienu responsabbli *in solidum* għall-ħlas lura sħiħ tal-għajnuna li rċevew permezz tal-ftehimiet inkwistjoni, b'ammont prinċipali indikattiv rispettivament ta' EUR 1 827 267 u EUR 141 326 u ordnat l-irkupru ta' din l-għajnuna.

II. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

18. Fl-ewwel istanza, Ryanair, AMS u FR Financing qajmu sitt motivi insostenn tar-rikors tagħhom u, fl-24 ta' Awwissu 2018, huma ressqu talba għal miżuri istruttorji, li permezz tagħha talbu lill-Kummissjoni tipproduċi ċerti dokumenti. Fil-25 ta' Settembru 2020, dawn il-partijiet ippreżentaw żewġ dokumenti bħala provi addizzjonali (jiġifieri, wara l-għeluq tal-fażi bil-miktub

[3] Ippublikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fit-3 ta' Awwissu 2012 (ĠU 2012, C 233, p. 28).

tal-proċedura). Dawn iż-żewġ dokumenti kienu t-tabella tal-estimi tad-dħul mhux aeronawtiku tal-ajruport għal kull passiġġier li jitlaq għall-ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajruport u l-ftehimiet dwar is-servizzi tal-kummerċjalizzazzjoni (l-Anness E.1) u verżjoni mhux redatta tad-data dwar l-ispejjeż f'rapport mill-konsulent ekonomiku ta' Ryanair, Oxera, tat-3 ta' Novembru 2014 (Anness E.2).

19. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li dawn il-provi kienu inammissibbli, peress li r-rikorrenti fl-ewwel istanza naqsu milli jiġġustifikaw il-preżentazzjoni tardiva tal-provi addizzjonali skont l-Artikolu 85(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Din il-qorti ċaħdet ukoll il-motivi kollha mqajma bħala infondati u għalhekk ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu.

III. Evalwazzjoni

20. L-appellanti resqu erba' aggravji.

A. Fuq l-ewwel aggravju, dwar l-ammissibbiltà ta' provi addizzjonali prodotti mill-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali

21. L-appellanti jsostnu, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet bħala inammissibbli, u għalhekk irrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni għal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha, provi ewlenin li ġew ippreżentati minnhom qabel l-għeluq tal-fażi orali tal-proċedura. B'mod partikolari, huma jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball, minn naħa, meta injorat, jew naqset milli tikkunsidra kif xieraq, il-prinċipji legali li fuqhom huma bbażati r-regoli tal-Artikolu 85(1) sa (3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali u, min-naħa l-oħra, billi injorat il-ġurisprudenza li tapplika dawn id-dispożizzjonijiet.

22. L-Artikolu 85 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jipprevedi stadji differenti li fihom jistgħu jiġu prodotti jew proposti l-provi. L-Artikolu 85(1) jipprovdi: "Il-provi għandhom jiġu prodotti jew proposti fil-kuntest tal-ewwel skambju ta' noti" (*ir-regola ġenerali*). L-Artikolu 85(2) jipprovdi: "Il-partijiet prinċipali jistgħu jipproduċu jew jipproponu provi ġodda insostenn tal-argumenti tagħhom anki fir-replika u fil-kontroreplika, bil-kundizzjoni li jiġġustifikaw għaliex dawn il-provi ġew prodotti jew proposti tard" (*id-deroga*). L-Artikolu 85(3) jipprovdi: "F'każijiet eċċezzjonali, il-partijiet prinċipali jistgħu jipproduċu jew jipproponu provi ġodda anki qabel l-għeluq tal-fażi orali tal-proċedura jew qabel ma l-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li taqta' l-kawża mingħajr il-fażi orali tal-proċedura, bil-kundizzjoni li jiġġustifikaw għaliex dawn il-provi ġew prodotti jew proposti tard" (*l-eċċezzjoni*).

23. Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġa' ddeċidiet li dawk ir-regoli jqisu l-prinċipji tal-proċedimenti kontradittorji u l-opportunitajiet ugwali għall-partijiet kif ukoll id-dritt għal proċess ġust fl-interess tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja[4]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li "il-qrati [tal-Unjoni] […] għandhom ġurisdizzjoni sabiex jistħarrġu l-merti tar-raġunijiet għad-dewmien fis-sottomissjoni jew il-proposta ta' dik l-evidenza u, skont il-każ, il-kontenut ta' din il-prova kif ukoll, jekk il-produzzjoni tardiva tagħha ma tkunx iġġustifikata sal-grad rikjest mil-liġi jew sostanzjata, ġurisdizzjoni biex tirrifjutaha[5]".

[4] Sentenza tal-14 ta' April 2005, Gaki-Kakouri vs Il-Qorti tal-Ġustizzja (C-243/04 P, mhux ippublikata, EU:C:2005:238, punt 30 (dwar id-dispożizzjonijiet ekwivalenti fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali preċendenti).

[5] Sentenza tas-16 ta' Settembru 2020, BP vs FRA (C-669/19 P, mhux ippubblikata, EU:C:2020:713, punt 41). Hawnhekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiċċita s-sentenza tal-14 ta' April 2005, Gaki-Kakouri vs Il-Qorti tal-Ġustizzja (C-243/04 P, mhux ippubblikata, EU:C:2005:238, punti 32 u 33).

24. Din is-silta kienet tikkonċerna l-Artikolu 85(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali u l-ġurisprudenza, li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċċita fiha, kienet tirrigwarda d-dispożizzjoni ekwivalenti fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali preċedenti [6].

25. Mis-sentenza tal-14 ta' April 2005, Gaki-Kakouri vs Il-Qorti tal-Ġustizzja [7], kif ukoll mis-sentenza tas-16 ta' Settembru 2020, BP vs FRA [8], jirriżulta li r-raġunament imsemmi iktar 'il fuq huwa applikabbli wkoll għall-Artikolu 85(3) ta' dawn ir-Regoli tal-Proċedura, filwaqt li, peress li l-Artikolu 85(2) huwa deroga u l-Artikolu 85(3) eċċezzjoni – dan tal-aħħar standard huwa iktar strett u huwa applikabbli f'ċirkustanzi eċċezzjonali biss (ara l-punt 31 ta'dawn il-konklużjonijiet).

26. L-ewwel nett, l-argument primarju tal-appellanti huwa li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet iż-żewġ provi bħala inammissibbli, filwaqt li tali provi għandhom dejjem jiġu aċċettati mill-Qorti Ġenerali għall-finijiet tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha "sakemm ma jkunx hemm raġunijiet imperattivi għall-kuntrarju".

27. Dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala infondat. Fil-fatt, dan iwassal sabiex tinqaleb il-loġika li tħaddem ir-regoli dwar il-ġbir ta' provi quddiem il-Qorti Ġenerali.

28. Mill-ġurisprudenza tas-sentenza Gaki-Kakouri jirriżulta li l-aċċettazzjoni ta' provi mressqa tardivament tikkostitwixxi eċċezzjoni. Barra minn hekk, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 85(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali stess jirriżulta li huma l-partijiet li jipproduċu tali provi li għandhom jiġġustifikaw b'mod suffiċjenti d-dewmien fis-sottomissjoni.

29. Għalhekk, kuntrarjament għall-argument tal-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma hijiex obbligata li dejjem taċċetta l-provi mressqa tardivament sakemm ma tistabbilixxix li ċ-ċaħda ta' dawn il-provi hija neċessarja għal "raġunijiet imperattivi" (jiġifieri, minħabba l-prinċipju kontradittorju jew il-kunċett ta' proċedura ġusta quddiem il-Qorti Ġenerali).

30. Pjuttost, l-oneru huwa fuq il-partijiet infushom li jiġġustifikaw dak id-dewmien.

31. Kif ġustament iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fis-sentenza TestBioTech *et* vs Il-Kummissjoni [9], "il-preżentazzjoni tal-provi qabel ma tingħalaq il-fażi orali tal-proċedura hija suġġetta għar-rekwiżit doppju li [(i)] id-dewmien fil-preżentazzjoni tal-provi huwa ġġustifikat u [(ii)] li l-preżentazzjoni tardiva tal-provi hija ġġustifikata permezz ta' ċirkustanzi eċċezzjonali. Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni ta' ammissibbiltà [(ii)] […] għandu jiġi osservat li, fi kwalunkwe każ, in-natura eċċezzjonali ta' tali sottomissjoni timplika li kien impossibbli għar-rikorrent li jipproduċi d-dokumenti inkwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja qabel is-seduta jew li sottomissjoni preċedenti ma setgħetx raġonevolment tkun meħtieġa mir-rikorrent. *Hija l-parti li tixtieq tippreżenta d-dokumenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tipprova li dik il-kundizzjoni hija sodisfatta fil-mument meta jitressqu l-provi l-ġodda*" (enfasi miżjuda minni).

6 Jiġifieri l-Artikolu 48(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali preċedenti.

7 C-243/04 P, mhux ippubblikata, EU:C:2005:238, punti 32 u 33.

8 C-669/19 P, mhux ippubblikata, EU:C:2020:713, punt 47.

9 Sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016, (T-177/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:736, punt 251).

32. Inqis li l-approċċ ta' hawn fuq tal-Qorti Ġenerali (fejn, f'ċerti sitwazzjonijiet, teħtieġ prova evidenzjarja biex issostni l-ġustifikazzjoni għal sottomissjoni tardiva tal-provi) jista' jsib sostenn fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja BP vs FRA [10], fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel riferiment għall-obbligu li jitressqu tali provi biex tiġi sostnuta l-ġustifikazzjoni.

33. Fil-punt 47 tal-istess sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva wkoll li l-Artikolu 85(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali għandu jiġi interpretat b'mod pjuttost strett ("huwa biss *eċċezzjonalment* li l-partijiet jistgħu jipproduċu jew joffru provi ulterjuri. Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li kwalunkwe dewmien fil-preżentazzjoni ta' tali provi *għandu jkun iġġustifikat*") (enfasi miżjuda minni).

34. Fil-proċedura fl-ewwel istanza, l-appellanti sostnew, essenzjalment, fir-rigward tat-tabella tad-dħul mhux aeronawtiku miksuba mill-ajruport, li l-Kummissjoni rreferiet għal din it-tabella fil-kontroreplika tagħha. B'riferiment għat-talba tagħhom għal miżura ta' organizzazzjoni, huma jispjegaw li kien diffiċli u ħadu żmien sinjifikattiv biex jiksbu informazzjoni mill-ajruport, minħabba li l-informazzjoni kienet antika, il-persunal fl-ajruport kien inbidel, u l-kriżi tal-COVID-19 affettwat kemm lill-persunal tal-ajruport kif ukoll lill-applikanti u lill-konsulenti tagħhom. Skont l-appellanti, huma rċevew biss l-informazzjoni "f'dawn l-aħħar jiem".

35. Fil-fehma tiegħi, huwa ċar – kif jista' jiġi dedott mill-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq – li l-appellanti kellhom ikunu f'pożizzjoni li jipprovdu provi li huma ppruvaw jiksbu t-tabella mingħand l-ajruport minn kmieni u li baqgħu jibagħtu tfakkir lill-ajruport f'dan ir-rigward; b'mod partikolari wara li rċevew l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-provi l-ġodda (tal-14 ta' Ottubru 2020), fejn il-Kummissjoni argumentat, b'mod partikolari, li d-dewmien ma kienx iġġustifikat minħabba li l-ispjegazzjonijiet ma kinux verifikabbli. Peress li kien għadda perijodu daqshekk sinjifikattiv bejn il-kontroreplika tal-Kummissjoni (25 ta' Frar 2019) u s-seduta orali (29 ta' Settembru 2020), l-appellanti kellhom jippreżentaw xi provi tat-tip li semmejt hawn fuq, sabiex juru li jistgħu jissostanzjaw il-ġustifikazzjoni tagħhom, skont l-Artikolu 85(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

36. Għandu jiġi enfasizzat li l-appellanti ma ressqu tali provi lanqas fl-istadju tal-appell.

37. L-eċċezzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod strett u għalhekk il-Qorti Ġenerali, f'każijiet bħal dan, fejn ikollha dubji dwar il-ġustifikazzjoni pprovduta mill-parti għas-sottomissjoni tardiva, għandha tkun tista' twettaq mill-inqas verifika rudimentali u tista', konsegwentement, titlob lil dik il-parti ssostni t-talba tagħha bi prova evidenzjarja.

38. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet f'sitwazzjoni simili, fejn il-parti kienet qiegħda targumenta li d-dewmien fis-sottomissjoni tal-provi fl-ewwel istanza kien minħabba s-saħħa ħażina tiegħu jew tagħha, li l-Qorti Ġenerali kellha raġun meta ċaħdet dan l-argument, peress li l-parti ma kinitx kapaċi tipprovdi xi ċertifikat mediku f'dan is-sens [11].

39. Sussegwentement, waqt is-seduta, l-appellanti fittxew li jinvokaw is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ġunju 2022, Qualcomm vs Il-Kummissjoni (Qualcomm – Ħlasijiet għal esklużività) (T-235/18, EU:T:2022:358), fejn il-provi prodotti tardivament minn Qualcomm ġew aċċettati bħala ammissibbli minn din il-qorti.

[10] Sentenza tas-16 ta' Settembru 2020 (C-669/19 P, mhux ippubblikata, EU:C:2020:713, punt 44).

[11] Sentenza tal-11 ta' Settembru 2019, HX vs Il-Kunsill (C-540/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:707, punti 65 u 68).

40. Huwa biżżejjed li jiġi enfasizzat li dan il-każ ma huwiex oġġettivament komparabbli, fl-aspetti materjali, ma' dak il-każ f'mill-inqas erba' aspetti: (i) il-ġustifikazzjoni għas-sottomissjoni tardiva hija differenti; ii) in-natura tad-dokumenti inkwistjoni hija differenti; (iii) il-proċeduri huma differenti, u (iv) l-istatus tar-rikorrent huwa differenti. Fir-rigward ta' (i), Qualcomm invokat mhux biss l-Artikolu 85(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, iżda sostniet ukoll li, f'dan il-każ, l-Artikolu 85(3) għandu jiġi interpretat "fid-dawl tal-Artikolu 92(7) ta' dawn ir-regoli" (il-provi jistgħu jiġu ppreżentati b'konfutazzjoni u provi preċedenti jistgħu jiġu amplifikati). Filwaqt li nikkonstata li l-approċċ tal-Qorti Ġenerali fi Qualcomm huwa konvinċenti, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, f'dan il-każ, l-appellanti ma resqu l-ebda argument bħal dan (la fl-ewwel istanza u lanqas fl-istadju tal-appell) u lanqas ma qajmu tali argumentazzjoni espressament jew impliċitament – minkejja l-fatt li l-Kummissjoni stess indirizzat b'mod espliċitu l-Artikolu 92(7) u argumentat li din id-dispożizzjoni ma kinitx applikabbli. Fir-rigward ta' (ii), minn din is-sentenza jirriżulta li Qualcomm kellha raġunijiet oġġettivi għaliex hija ma setgħetx tikseb id-dokumenti inkwistjoni u l-Qorti Ġenerali tispjega fid-dettall f'din is-sentenza (punti 134 sa 153) li l-produzzjoni, fl-intier tagħha, tal-provi ulterjuri wara t-tmiem tal-proċedura bil-miktub kienet "iġġustifikata minn ċirkustanzi eċċezzjonali" u għalhekk kienet ammissibbli. F'dak li għandu x'jaqsam ma' (iii), il-kawża Qualcomm tirrigwarda l-liġi tal-kompetizzjoni filwaqt li l-każ preżenti jikkonċerna għajnuna mill-Istat (ara l-punt 94 ta' dawn il-konklużjonijiet). Fir-rigward ta' (iv), il-benefiċjarju f'kawża ta' għajnuna mill-Istat ma huwiex il-konvenut quddiem il-Qorti Ġenerali.

41. Fl-aħħar nett, l-appellanti jfittxu wkoll li jinvokaw, b'mod partikolari, is-sentenzi Crocs vs EUIPO – Gifi Diffusion (Footwear[12] u Schmid vs EUIPO – Landeskammer für Land- und Forstwirtschaft in Steiermark (Steirisches Kürbiskernö)[13]. Huma jsostnu li l-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat din il-ġurisprudenza, ibbażata fuq il-fatt li sottomissjoni tardiva tal-prova tista' tiġi ġġustifikata meta l-parti ma setax ikollha din il-prova qabel u meta, fl-evalwazzjoni tal-fondatezza tas-sottomissjoni tardiva hijiex iġġustifikata, għandu jiġi vverifikat jekk il-prova inkwistjoni kinitx diġà tinsab fil-fajl amministrattiv li fuqu kienet ibbażata d-deċiżjoni kkontestata. Jekk dan ikun il-każ, ma jkunx iġġustifikat li din il-prova tiġi miċħuda, peress li l-konvenut kien diġà ħa inkunsiderazzjoni l-provi qabel ma adotta d-deċiżjoni tiegħu.

42. Huwa importanti li jingħad li din il-ġurisprudenza ma għandhiex il-portata li l-appellanti jattribwixxulha. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidietx eżattament bħal hawn fuq f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni hawnhekk. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li din il-ġurisprudenza toriġina minn tilwimiet dwar it-trademarks tal-Unjoni u tista' tiġi spjegata minn ċerti speċifiċitajiet tat-tilwimiet f'dak il-qasam partikolari tad-dritt tal-Unjoni.

43. Din il-konklużjoni tirriżulta mid-digriet tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2011, Wilfer vs UASI[14].

44. Essenzjalment, f'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-Qorti Ġenerali ġustament irrilevat li, skont l-Artikolu 63 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94[15], hija ma tistax tevalwa mill-ġdid iċ-ċirkustanzi fattwali fid-dawl tal-provi prodotti għall-ewwel darba quddiemha. L-għan tar-rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali huwa li tiġi mistħarrġa l-legalità tad-deċiżjonijiet

[12] Sentenza tal-14 ta' Marzu 2018 (T-651/16, mhux ippubblikata, EU:T:2018:137).

[13] Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2018 (T-72/17, EU:T:2018:335).

[14] C-546/10 P, mhux ippubblikata, EU:C:2011:574, punt 40 sa 43 (iktar 'il quddiem id-"digriet Wilfer vs UASI").

[15] Regolament tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146).

tal-Bordijiet tal-Appell tal-EUIPO fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, u li l-legalità għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-informazzjoni li għandha fil-mument tal-adozzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet (punti 40 u 41 tad-digriet Wilfer vs UASI).

45. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li huwa paċifiku li l-opinjoni esperta u r-rappreżentazzjonijiet tat-trade marks tal-Unjoni u tat-trade marks nazzjonali invokati mir-rikorrenti bħala prova ġew ippreżentati għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali u ma kinux ġew ippreżentati quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kellha raġun tiċħadhom bħala inammissibbli. Għaldaqstant, din iċ-ċaħda ma kisritx id-dritt għas-smigħ tar-rikorrenti (punt 42 tad-digriet Wilfer vs UASI).

46. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li la mir-rikors promotur quddiem il-Qorti Ġenerali u lanqas mis-sentenza appellata ma jirriżulta li l-appellanti kienu sostnew, quddiem dik il-qorti, li l-Bord tal-Appell kiser il-prinċipju li huwa kellu jeżamina *ex officio*, sabiex jistabbilixxi l-ammissibbiltà ta' dawn il-provi (punt 43 tad-digriet Wilfer vs UASI).

47. Konsegwentement, il-ġurisprudenza invokata mill-appellanti fil-punt 41 ta' dawn il-konklużjonijiet ma tapplikax f'dan il-każ u l-argumenti tagħhom għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

48. Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

B. Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 17 tar-Regolament 2015/1589 u fuq applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 296 TFUE

1. Fuq l-ewwel parti tat-tieni aggravju

49. L-appellanti jsostnu li, skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2015/1589[16], il-miżura tal-Kummissjoni, jiġifieri t-talba għal informazzjoni (iktar 'il quddiem it-"TI"), għandha tirrigwarda suġġett speċifiku tal-investigazzjoni. Il-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat ġurisprudenza stabbilita, li skontha TI għandha tindirizza miżura speċifika sabiex it-terminu ta' preskrizzjoni jiġi interrott skont din id-dispożizzjoni. L-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali kisret ukoll il-prinċipji ta' aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali.

50. Id-deċiżjoni kkontestata tidentifika erba' ftehimiet mill-2002 fir-rigward tal-għajnuna mogħtija lil Ryanair. Barra minn hekk, mis-sentenza appellata jirriżulta li kien paċifiku bejn il-partijiet li, fir-rigward tal-ftehimiet kollha tal-2002, it-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-Artikolu 17 tar-Regolament 2015/1589 beda jiddekorri mid-9 ta' Awwissu 2002. F'dan il-kuntest, l-appellanti kienu sostnew matul il-proċedura amministrattiva, u mbagħad quddiem il-Qorti Ġenerali, li t-terminu ta' 10 snin kien skada sa meta l-Kummissjoni talbet informazzjoni mingħand l-awtoritajiet Awstrijaċi u mingħand Ryanair dwar il-ftehimiet tal-2002 (dawk it-talbiet kienu ġew magħmula biss fl-2015 filwaqt li l-preskrizzjoni skadiet fit-8 ta Awwissu 2012) (punt 66 tas-sentenza appellata). Skont l-appellanti, il-Kummissjoni saret taf bl-eżistenza tal-ftehimiet tal-2002 biss fil-31 ta' Awwissu 2012, permezz ta' dokument mibgħut lilha minn Ryanair, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tagħha li testendi l-proċedura ta' investigazzjoni formali. Huma jargumentaw li l-Kummissjoni ma ħadet l-ebda azzjoni bejn id-9 ta'

[16] Regolament tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 [TFUE] (ĠU 2015, L 248, p. 9).

Awwissu 2002 u t-8 ta' Awwissu 2012 li tista' tinterrompi t-terminu ta' preskrizzjoni. Huma jsostnu li, qabel il-31 ta' Awwissu 2012, il-Kummissjoni ma setgħetx tieħu azzjoni li tinterrompi t-terminu ta' preskrizzjoni fir-rigward tal-ftehimiet tal-2002. Ir-raġuni għal dan hija li tali effett ta' interruzzjoni kien jeħtieġ li l-"azzjoni meħuda", fis-sens ta' dan l-artikolu, tirreferi relattivament b'mod preċiż għall-għajnuna inkwistjoni. Billi kkunsidrat li fraži ġenerali tipproduċi tali effett ta' interruzzjoni, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 17 tar-Regolament 2015/1589.

51. Fid-deċiżjoni tagħha tat-22 ta' Frar 2012 li tibda l-proċedura, il-Kummissjoni indikat li, abbażi tal-informazzjoni li għandha, hija kienet iddeċidiet li teżamina, fir-rigward tal-kumpanniji inkwistjoni, "il-ftehimiet tal-2002 ma' Ryanair" u "l-ftehimiet tal-2006 ma' Ryanair". Fir-rigward tal-ftehimiet tal-2002, jidher li kien hemm ftehim ta' kooperazzjoni bejn KFBG u Ryanair tat-22 ta' Jannar 2002 u ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni bejn DMG u LV, ukoll tat-22 ta' Jannar 2002. Fir-rigward tad-deċiżjoni tagħha tat-23 ta' Lulju 2014, li permezz tagħha l-Kummissjoni estendiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali, minn din id-deċiżjoni jirriżulta li din l-estensjoni kienet tirrigwarda wkoll il-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni konkluż bejn DMG u AMS tat-22 ta' Jannar 2002, u l-"ittra ta' akkompanjament mehmuża mal-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni bejn id-DMG u LV", ukoll tal-istess data.

52. Imbagħad, fis-sentenza appellata (punti 73 sa 77), il-Qorti Ġenerali analizzat id-diversi elementi u talbiet għal informazzjoni li kienu ntbagħtu lill-awtoritajiet Awstrijaċi u lil Ryanair qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali u minn dan iddeduċiet li t-talbiet kollha li analizzat kienu jkopru wkoll l-MSA tal-2002 bejn DMG u AMS u l-ittra ta' akkompanjament tal-2002 bejn DMG u LV, b'konsegwenza li kienu miżuri li jistgħu jinterrompu t-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit fir-Regolament 2015/1589.

53. Sussegwentement, fil-punti 77 sa 79 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li diversi elementi fid-deċiżjoni inkwistjoni jistabbilixxu li l-ASA tal-2002 u l-"ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni konkluż fl-2002" kienu marbuta b'mod indissolubbli u għalhekk it-terminu ta' preskrizzjoni kien tabilħaqq ġie interrott mit-TI analizzata mill-Qorti Ġenerali.

54. Fl-aħħar nett, fil-punti 80 sa 84 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, essenzjalment, li, kif l-awtoritajiet Awstrijaċi u Ryanair kienu jafu, fil-kwalità tagħhom ta' destinatarji, il-kontenut tal-ittri li jitolbu informazzjoni addizzjonali mingħandhom, l-indikazzjoni tad-dati li fihom il-Kummissjoni kienet ħadet il-miżuri li jistgħu jinterrompu t-terminu ta' preskrizzjoni kienet suffiċjenti sabiex tissodisfa l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

55. Infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li t-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit fl-Artikolu 17 jista' jiġi interrott minn miżura li ma ġietx innotifikata lill-benefiċjarju tal-għajnuna [17].

56. Hija ddeċidiet ukoll li l-iskadenza ta' dan il-perijodu tistabbilixxi limitu ta' żmien fuq is-setgħa li għandha l-Kummissjoni li tirkupra l-għajnuna mill-Istat, u l-iskadenza ta' dan il-perijodu ma tistax għalhekk ikollha l-effett li tirregolarizza retroattivament l-għajnuna illegali mill-Istat unikament minħabba li ssir għajnuna eżistenti [18].

[17] Ara, fir-rigward tal-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (li sar l-Artikolu 17 tar-Regolament 2015/1589), is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2005 Scott vs Il-Kummissjoni (C-276/03 P, EU:C:2005:590, punt 36).

[18] Ara, b'analoġija, is-sentenza tat-23 ta' Jannar 2019, Fallimento Traghetti del Mediterraneo (C-387/17, EU:C:2019:51, punti 61 u 62).

57. Madankollu, jidher li l-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma pprovdiet l-ebda kjarifika espliċita dwar il-grad ta' preċiżjoni tal-informazzjoni li miżura, meħuda mill-Kummissjoni fis-sens tal-Artikolu 17 (bħal TI), għandu jkun fiha sabiex tinterrompi dak il-perijodu.

58. F'dan ir-rigward, sa fejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet biss li "s-sempliċità tat-[TI] ma għandhiex il-konsegwenza li ċċaħħadha mill-effett legali bħala miżura li tista' tinterrompi t-terminu ta' preskrizzjoni previst f'[dak li issa huwa l-Artikolu 17 tar-Regolament 2015/1589]"[19].

59. Dan iqajjem il-kwistjoni dwar jekk, kif isostnu l-appellanti, il-Qorti Ġenerali adottatx interpretazzjoni wiesgħa żżejjed tal-kunċett ta' "miżura" li tista' tikkostitwixxi att li jinterrompi t-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-Artikolu 17 tar-Regolament 2015/1589.

60. L-ewwel, il-formulazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament 2015/1589 tipprovdi li "[k]ull azzjoni […] fir-rigward tal-għajnuna kontra l-liġi għandha tinterrompi l-perjodu ta' preskrizzjoni".

61. Il-formulazzjoni tagħmilha ċara li l-miżura għandha tkun "fir-rigward tal-għajnuna kontra l-liġi".

62. Dan ifisser li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni li jagħti lill-Kummissjoni carte blanche f'dan ir-rigward.

63. It-tieni, it-terminu ta' preskrizzjoni għandu l-għan li jiżgura ċ-ċertezza legali (ara l-premessa 26 tar-Regolament 2015/1589), mhux l-inqas f'dawk il-każijiet fejn l-għoti ta'għajnuna kontra l-liġi baqa' ma nstabx għal perijodu twil ta' żmien. Dan jista' jiġri pereżempju f'każijiet fejn Stat Membru ma jkunx induna li ċerta miżura tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat[20]. Barra minn hekk, il-letteratura legali tirreferi għall-protezzjoni tal-kompetizzjoni bħala skop ulterjuri tal-perijodu ta' limitazzjoni[21].

64. Min-naħa l-waħda, il-miżura għandha tkun speċifika biżżejjed sabiex tevita li tagħti lill-Kummissjoni dik il-carte blanche, sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn ikun possibbli li jintbagħtu regolarment TI standardizzati lill-Istati Membri u lill-benefiċjarji, u b'hekk jiġi faċilment evitat il-perijodu ta' limitazzjoni ta' għaxar snin. Tali interpretazzjoni – kif ġustament jenfasizzaw l-appellanti – tikser il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u taċ-ċertezza legali tal-benefiċjarju tal-għajnuna (u tal-Istat Membru)[22]. Fl-opinjoni tiegħi, għandu jiġi kkunsidrat ukoll li għaxar snin diġà huwa perijodu ta' żmien sinjifikattiv, għal kwalunkwe kumpannija (jew Stat Membru), li matulu jistgħu jkunu mistennija talbiet possibbli għall-irkupru tal-għajnuna. Din l-inċertezza tirrappreżenta wkoll piż ekonomiku għal kwalunkwe kumpannija.

65. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni teħtieġ perijodu ta' żmien suffiċjenti sabiex tkun tista' twettaq l-investigazzjonijiet tagħha. Ma tistax tkun meħtieġa speċifikazzjoni sħiħa tal-miżura li għandha tiġi eżaminata skont il-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat. Dan ikun ostaklu eċċessivament għoli għall-Kummissjoni. Kwalunkwe investigazzjoni hija inizjalment ikkaratterizzata minn diskrepanza fl-informazzjoni bejn l-Istat Membru jew il-benefiċjarju u l-Kummissjoni.

[19] Sentenza tal-10 ta' April 2003, Département du Loiret vs Il-Kummissjoni (T-369/00, EU:T:2003:114, punt 82).

[20] Ara, pereżempju, Säcker, F. J., u Montag, F. (eds.), European State Aid Law, Beck, 2016, p. 1613.

[21] *Ibid*. Ara wkoll Lübbig, T. u Martin-Ehlers, A., Beihilfenrecht der EU: das Recht der Wettbewerbsaufsicht über staatliche Beihilfen in der Europäischen Union, 2009, p. 228.

[22] Ara s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2005, Scott vs Il-Kummissjoni (C-276/03 P, EU:C:2005:590, punt 30).

66. It-tielet, fir-rigward tal-kontenut u l-livell ta' preċiżjoni ta' TI li tista' tinterrompi t-terminu ta' preskrizzjoni, mir-Regolament 2015/1589 jirriżulta b'mod ċar li, meta l-Kummissjoni jkollha informazzjoni dwar allegata għajnuna kontra l-liġi jew użu ħażin ta' għajnuna, hija għandha d-dritt li titlob informazzjoni, b'mod partikolari, mill-Istat Membru kkonċernat. L-Istat Membru huwa obbligat li jipprovdi *l-informazzjoni kollha* neċessarja *biex il-Kummissjoni tkun tista' tieħu deċiżjoni skont il-proċedura ta' eżami preliminari jew ta' investigazzjoni formali*[23].

67. Fil-fatt, il-fatt li t-TI hija għodda li tippermetti lill-Kummissjoni tfittex l-informazzjoni *neċessarja* jirriżulta mill-premessi 9, 10, 24 u 36, kif ukoll mill-Artikoli 2(2), 5(1), 7(1), 12(2), 21(1) u 25(1) tar-Regolament 2015/1589.

68. Peress li l-qrati tal-Unjoni diġà ddeċidew dwar diversi elementi ewlenin tat-TI skont ir-Regolament 1/2003[24] u, b'mod partikolari l-element ta' "neċessità", din il-ġurisprudenza hija applikabbli *mutatis mutandis* għall-interpretazzjoni tat-TI skont ir-Regolament 2015/1589. Fil-fatt, l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003, intitolat "Talba għall-informazzjoni", jipprevedi eżattament l-istess għodda investigattiva disponibbli għall-Kummissjoni bħal dik li tuża fl-investigazzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat.

69. Minħabba r-rekwiżit ta' "neċessità" ddikjarat fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament 1/2003, il-qrati tal-Unjoni ċċaraw li l-Kummissjoni hija intitolata biss li titlob l-iżvelar ta' informazzjoni li tista' tippermettilha tinvestiga ksur preżunt, li jiġġustifika t-twettiq tal-investigazzjoni u li huma stabbiliti fit-TI[25].

70. Għandu jkun hemm korrelazzjoni bejn l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni u l-ksur li qiegħed jiġi investigat. Il-Kummissjoni għandha raġonevolment tissoponi li l-informazzjoni ser tgħinha tiddetermina jekk l-allegat ksur seħħx[26].

71. Il-"ħtieġa" ta' TI għandha tidher fir-raġunament tat-talba. Fir-rigward tal-għan tat-TI, il-Kummissjoni għandha tidentifika, f'termini ċari, preċiżi u mhux ambigwi, il-ksur issuspettat tar-regoli tal-kompetizzjoni li l-Kummissjoni biħsiebha tinvestiga[27].

72. Minn dan isegwi li l-motivazzjoni ta' TI la tista' tkun vaga u lanqas ġenerika, speċjalment jekk l-investigazzjoni ma tkunx għadha fl-istadju bikri ħafna u fejn is-suspetti tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu involut għandhom jiġu ppreżentati bi preċiżjoni sufiċjenti[28].

73. Fil-fatt, l-obbligu tal-Kummissjoni li tagħti raġunijiet speċifiċi huwa rekwiżit fundamentali, li juri mhux biss li t-TI hija ġġustifikata, *iżda wkoll li tippermetti lill-impriżi jevalwaw il-portata tal-obbligu tagħhom li jikkooperaw filwaqt li fl-istess ħin jissalvagwardjaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom, u jiżguraw li l-qrati tal-Unjoni jkunu jistgħu jeżerċitaw stħarriġ ġudizzjarju*[29].

[23] Ara l-Artikoli 2(2), 5(1) u (2), li, skont l-Artikolu 12(2), japplikaw għall-informazzjoni mitluba skont dik id-dispożizzjoni.

[24] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

[25] Sentenzi tal-10 ta' Marzu 2016, HeidelbergCement vs Il-Kummissjoni (C-247/14 P, EU:C:2016:149, punt 23) u tat-28 ta' Jannar 2021, Qualcomm u Qualcomm Europe vs Il-Kummissjoni (C-466/19 P, EU:C:2021:76, punt 68). Din it-taqsima tirrigwarda, fost l-oħrajn, il-każijiet diskussi fil-letteratura legali. Ara Geulette, A., u Scholz, M., *Article 18 Requests for Information*, fi Prete, L., Laitenberger, J., Gauer, C., u Dekeyser, K. (eds.), *Regulation 1/2003 and EU Antitrust Enforcement*, Wolters Kluwer, 2022, p. 433 *et seq*., fejn tiġi kkwotata iktar ġurisprudenza.

[26] Ara s-sentenza tat-28 ta' Jannar 2021, Qualcomm u Qualcomm Europe vs Il-Kummissjoni (C-466/19 P, EU:C:2021:76, punt 70 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[27] Sentenza tal-10 ta' Marzu 2016, HeidelbergCement vs Il-Kummissjoni (C-247/14 P, EU:C:2016:149, punti 20, 24 u 25).

[28] Sentenza tal-10 ta' Marzu 2016, HeidelbergCement vs Il-Kummissjoni (C-247/14 P, EU:C:2016:149, punt 39).

[29] Sentenza tal-10 ta' Marzu 2016, HeidelbergCement vs Il-Kummissjoni (C-247/14 P, EU:C:2016:149, punt 19).

74. Minn dan isegwi li l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni għandha tiġi identifikata bl-iktar mod preċiż li jippermettu ċ-ċirkustanzi.

75. B'mod importanti, fl-opinjoni tiegħi, peress li l-interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni prevista fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament 2015/1589 tikkostitwixxi eċċezzjoni għat-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin previst fl-Artikolu 17(1) ta' dan ir-regolament, din għandha tiġi interpretata b'mod strett.

76. Sussegwentement, kif rajna iktar 'il fuq, l-Artikolu 17(2) jeżiġi li, sabiex jiġi interrott it-terminu ta' preskrizzjoni skont dan ir-regolament, TI bil-miktub mill-Kummissjoni għandha tkun "fir-rigward tal-għajnuna kontra l-liġi" u l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003, li jista' jiġi applikat b'analoġija, jeżiġi li t-TI tkun "neċessarja".

77. Kif rajna fil-ħarsa ġenerali tal-ġurisprudenza iktar 'il fuq, "[TI] hija 'neċessarja' fis-sens tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 17[30] [id-dispożizzjoni li pprevediet l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003] jekk tista' leġittimament titqies li għandha rabta mal-allegat ksur"[31].

78. Fil-fehma tiegħi, huwa ċar li l-istess approċċ għandu japplika għat-TI fil-kuntest tal-proċedura ta' għajnuna mill-Istat. Għalhekk, it-TI hija "neċessarja" jekk tista' leġittimament titqies li għandha konnessjoni mal-għajnuna mill-Istat allegatament illegali.

79. Minn dan isegwi li, sabiex jiġi interrott b'mod validu t-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin stabbilit mill-Artikolu 17(1) tar-Regolament 2015/1589, TI għandha tkun neċessarja għall-investigazzjoni jew għall-proċedura preliminari u, fl-aħħar mill-aħħar, għandha tkun neċessarja għall-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar l-irkupru tal-għajnuna mill-Istat illegali. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax, pereżempju, tagħmel TI li l-uniku għan tagħha huwa li ttawwal il-perijodu ta' preskrizzjoni artifiċjalment sabiex tippreserva s-setgħa li tirkupra għajnuna mill-Istat illegali[32]. It-TI għal dan il-għan biss ma jistgħux ikunu "neċessarji" għall-finijiet tal-"proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu".

80. Barra minn hekk, kieku l-Kummissjoni setgħet tinterrompi t-terminu ta' preskrizzjoni billi tibgħat TI "ġenerika" li ma hijiex neċessarja għall-proċedura, hija tkun tista' testendi sistematikament it-terminu ta' preskrizzjoni lil hinn mil-limitu diġà pjuttost sinjifikattiv ta' għaxar snin previst fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament 2015/1589, u b'hekk tnaqqas l-effettività tiegħu.

81. Ta' min jinnota li l-approċċ tiegħi ta' hawn fuq diġà ġie segwit fil-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni, li analizzat jekk it-TI tal-Kummissjoni skont it-Regolament 17 kinux kapaċi jinterrompu l-perijodu ta' preskrizzjoni previst fir-Regolament (KEE) Nru 2988/74[33].

[30] Regolament tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 1962 - L-ewwel Regolament li jimplimenta l-Artikoli [81] u [82] tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 8, Vol. 1, p. 3) li pprevieda r-Regolament 1/2003.

[31] Sentenza tat-12 ta' Diċembru 1991, SEP vs Il-Kummissjoni (T-39/90, EU:T:1991:71, punt 29) (appell miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja).

[32] Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-15 ta' Frar 2001, L-Awstrija vs Il-Kummissjoni (C-99/98, EU:C:2001:94, punti 45 sa 67).

[33] Regolament tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 1974 dwar il-perjodi ta' limitazzjoni fil-proċedimenti u l-infurzar tas-sanzjonijiet taħt ir-regoli tal-Komunità Ekonomika Ewropea dwar it-trasport u l-kompetizzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 7, Vol. 1, p. 61). Ara s-sentenza tad-19 ta' Marzu 2003, CMA CGM *et* vs Il-Kummissjoni (T-213/00, EU:T:2003:76, punti 484 sa 511) (appell miċħud mill-Qorti Ġenerali).

82. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-kliem tal-erba' TI, tad-domandi magħmula mill-Kummissjoni kif ukoll tar-risposti pprovduti minn Ryanair. Il-Qorti Ġenerali mbagħad stħarrġet il-kriterji li jikkostitwixxu speċifikazzjoni suffiċjenti tal-kuntratti individwali "fir-rigward" ta' liema evalwazzjoni tista' ssir fir-rigward tal-legalità tagħhom. Inqis li, f'dan il-każ, t-TI jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-interruzzjoni tal-perijodu ta' limitazzjoni. Huma ma kinux vagi u kellhom l-għan li jiksbu informazzjoni neċessarja fir-rigward tal-għajnuna suspetta.

83. Direttament relatata ma' dan hemm il-kwistjoni tal-kundizzjonijiet li taħthom il-kuntratti jistgħu jitqiesu li huma marbuta b'mod inseparabbli. Dan huwa rilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk il-fatt li żewġ ftehimiet ġew speċifikament imsemmija, filwaqt li t-tnejn l-oħra ma kinux, għandux jitqies bħala nuqqas ta' preċiżjoni suffiċjenti u għalhekk mhux relatat mal-ftehimiet mhux imsemmija.

84. Skont il-Qorti Ġenerali, teżisti rabta inseparabbli bejn il-kuntratti li jirriżultaw mill-grad ta' rabta ekonomika bejn il-partijiet kontraenti, fl-istess mument tal-konklużjoni tal-kuntratti, u r-rabta tal-kuntratti skont is-suġġett u l-kundizzjonijiet tagħhom (sentenza appellata, punti 77 *et seq.*).

85. Fid-dawl ta' din ir-rabta mill-qrib, qsim tal-kuntratti fir-rigward tal-interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni jkun, fl-opinjoni tiegħi, arbitrarju. L-erba' kuntratti jiffurmaw kostruzzjoni ekonomika, li kienet maqsuma biss f'erba' kuntratti, b'mod partikolari, minħabba li l-kumpannija nnifisha hija maqsuma f'sussidjarji. Għalhekk, it-terminazzjoni ta' din ir-rabta tinjora l-kuntest fattwali tal-każ.

86. Minkejja li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx jekk it-TI inkwistjoni jissodisfawx il-kriterju ta' "neċessità" (li spjegajt iktar 'il fuq), mill-atti tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, f'dan il-każ, dawn it-TI kienu tabilħaqq neċessarja sa fejn dawn kellhom manifestament rabta mal-għajnuna mill-Istat allegatament illegali u kienu neċessarja għall-investigazzjoni preliminari u, fl-aħħar mill-aħħar, għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' rkupru ta' għajnuna mill-Istat illegali.

87. Jien inqis li s-soluzzjoni tiegħi proposta iktar 'il fuq tirriżulta mill-interpretazzjoni tar-Regolament 2015/1589 u ma timplikax carte blanche għall-Kummissjoni, u lanqas ma tistabbilixxi standards li ma jistgħux jintlaħqu għall-investigazzjonijiet ta' dik l-istituzzjoni. Għalhekk hija toħloq bilanċ bejn il-protezzjoni taċ-ċertezza legali u l-istabbiliment mill-ġdid ta' kompetizzjoni effettiva bħala żewġ prinċipji rivali stabbiliti f'dan ir-regolament (premessi 25 u 26)

88. Minn dan isegwi li l-ewwel parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

2. Fuq it-tieni parti tat-tieni aggravju

89. L-appellanti jsostnu, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 296 TFUE meta kkonstatat li r-raġunament tad-deċiżjoni kkontestata kien suffiċjenti, minkejja l-fatt li d-deċiżjoni ma spjegatx b'mod espliċitu r-raġunijiet għalfejn il-Kummissjoni kienet ċaħdet l-argumenti li l-appellanti kienu għamlu matul il-proċedura amministrattiva, b'mod partikolari li t-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-Artikolu 17 tar-Regolament 2015/1589 kien skada.

90. Is-sentenza appellata tindika li huwa biżżejjed li jiġu stabbiliti l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet legali ta' importanza fundamentali fil-kuntest tad-deċiżjoni [34]. Barra minn hekk, "peress li l-awtoritajiet Awstrijaċi u Ryanair kienu jafu […] bil-kontenut tal-ittri li jitolbu informazzjoni addizzjonali li kienu ntbagħtulhom mill-Kummissjoni, din tal-aħħar, fis-sens tal-Artikolu 296 TFUE, kellha tindika biss il-fatti ta' importanza fundamentali fil-kuntest tad-deċiżjoni kkontestata" [35].

91. Fil-fehma tiegħi, dak li huwa deċiżiv huwa jekk is-suppożizzjoni li l-korrispondenza bejn il-Kummissjoni u d-destinatarju għandha titqies fl-intier tagħha hijiex kompatibbli mal-prinċipji stabbiliti mill-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 296 TFUE.

92. Kif ġustament enfasizzat fil-punt 80 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat b'mod ċar li "ma huwiex neċessarju li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti, peress li l-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu [296 TFUE] għandha tiġi evalwata mhux biss fir-rigward tal-formulazzjoni tiegħu, iżda wkoll tal-kuntest tiegħu u tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-qasam inkwistjoni" [36].

93. Peress li l-"kuntest" jinkludi wkoll il-korrispondenza kollha, l-argument tal-appellanti bbażat fuq applikazzjoni żbaljata tal-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 296 TFUE huwa infondat f'dan il-każ.

94. Jeħtieġ li wieħed iżomm f'moħħu li l-proċedura għar-reviżjoni tal-għajnuna mill-Istat hija proċedura mibdija fir-rigward tal-Istat Membru responsabbli għall-għoti tal-għajnuna u l-partijiet interessati (inkluż il-benefiċjarju) ma jistgħux ifittxu li jinvolvu ruħhom f'dibattitu kontradittorju mal-Kummissjoni bl-istess mod kif jiġi offrut lil dak l-Istat Membru [37].

95. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata tirrispondi speċifikament għall-osservazzjonijiet tal-appellanti f'dan ir-rigward.

96. Minn dan isegwi li t-tieni parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata u, konsegwentement, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

C. It-tielet aggravju, ibbażat fuq żnaturament tal-provi meta ġie evalwat jekk il-Kummissjoni applikatx legalment it-test tal-operatur tal-ekonomija tas-suq

97. L-appellanti, essenzjalment, isostnu, li l-Qorti Ġenerali żnaturat is-sens ċar tal-provi prodotti quddiemha meta evalwat jekk il-Kummissjoni applikatx legalment l-hekk imsejjaħ "test tal-operatur tal-ekonomija tas-suq" (iktar 'il quddiem l-"test OES") fid-determinazzjoni ta' jekk l-appellanti rċevewx vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. B'mod partikolari, huma jargumentaw li l-Qorti Ġenerali żnaturat provi relatati ma': (i) it-tariffa tas-sigurtà stipulata fi ftehim dwar is-servizzi tal-ajruport bejn l-ajruport u Ryanair; (ii) l-istima tal-ispejjeż operattivi inkrementali li l-ajruport seta' stenna (il-marġni ta' sigurtà); u (iii) il-fattur tat-tagħbija invokat mill-Kummissjoni meta twettaq il-valutazzjoni tal-profittabbiltà *ex ante* tagħha.

[34] Sentenza appellata, punt 81 (u l-ġurisprudenza ċċitata).

[35] Sentenza appellata, punt 83.

[36] Sentenza tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France (C-367/95 P, EU:C:1998:154 punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[37] Sentenza tal-11 ta' Marzu 2020, Il-Kummissjoni vs Gmina Miasto Gdynia u Port Lotniczy Gdynia Kosakowo (C-56/18 P, EU:C:2020:192, punti 73 sa 75).

98. Għandu jiġi evalwat jekk l-elementi invokati mill-appellanti ġewx żnaturati jew le mill-Qorti Ġenerali fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [38] u, jekk iva, jekk dan l-iżnaturament huwiex tali li jivvizzja l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li, essenzjalment, il-Kummissjoni bbażat il-konstatazzjoni tagħha tal-eżistenza ta' vantaġġ fuq informazzjoni u data suffiċjenti u kredibbli.

99. Madankollu, ma huwiex biżżejjed li l-appellanti "speċifikaw il-postijiet rilevanti kollha fil-proċess li jippermettu lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li kien hemm żnaturament illegali", peress li d-distorsjoni għandha tkun evidenti mill-atti tal-proċess tal-Qorti tal-Ġustizzja, mingħajr ma jkun hemm bżonn li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi [39].

1. It-tariffa tas-sigurtà

100. L-appellanti jirreferu għall-argumenti li huma għamlu fl-ewwel istanza (li t-tariffa tas-sigurtà kienet fatturata lil u mħallsa minn Ryanair) u jsostnu li l-provi fil-fajl juru li Ryanair kienet kuntrattwalment obbligata tħallas it-tariffa tas-sigurtà u, fil-fatt, ħallsitha skont dan l-obbligu. Huma jargumentaw li l-Qorti Ġenerali naqset milli tikkunsidra kif xieraq il-provi mressqa quddiemha.

101. L-ewwel nett, fil-punti inkwistjoni fl-appell (punti 331 u 332 tas-sentenza appellata), il-Qorti Ġenerali ma indikatx li din it-tariffa ma ġietx mgħoddija lil Ryanair mill-ajruport. Minflok, hija sempliċement iddikjarat li din it-tariffa tħallset lura lil Ryanair.

102. Madankollu, anki jekk irriżulta li mill-provi invokati minn Ryanair manifestament ħareġ li hija ħallset din it-tariffa ta' sigurtà lill-ajruport (*quod non*) – li, fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali ma kkontestatx f'dawn il-punti – dan mhux neċessarjament jistabbilixxi li l-Qorti Ġenerali wettqet l-iżnaturament tal-provi invokati mill-appellanti f'dan ir-rigward u li waslet għall-konklużjoni żbaljata li l-Kummissjoni setgħet tikkunsidra – mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni – li din it-tariffa kienet tikkostitwixxi spiża inkrementali. għall-ajruport għall-finijiet ta' analiżi tal-profitabbiltà tal-ftehimiet tal-2006.

103. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali bbażat il-konklużjoni tagħha fuq l-ispjegazzjoni tal-Kummissjoni, li skontha l-awtoritajiet Awstrijaċi kkonfermaw f'żewġ okkażjonijiet li t-tariffa tas-sigurtà finalment tħallset lura lil Ryanair.

104. Fil-punt 332 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma tenfasizzax f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni fittxet b'mod diliġenti, mill-Istat Membru kkonċernat, informazzjoni rilevanti, li ppermettiet lill-Qorti Ġenerali tiddetermina jekk it-tariffa tas-sigurtà kinitx, effettivament, tħallset lura lil Ryanair.

105. Inqis li l-Qorti Ġenerali setgħet ġustament tikkonkludi li l-Kummissjoni kienet issodisfat l-obbligu tagħha li twettaq eżami diliġenti u imparzjali u li hija kellha tibbaża ruħha fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija u tikkunsidra li t-tariffa tas-sigurtà kienet spiża inkrementali għall-ajruport għall-finijiet tal-analiżi tal-profittabbiltà tal-ftehimiet tal-2006.

[38] Sentenza tat-28 ta' Jannar 2021, Qualcomm u Qualcomm Europe vs Il-Kummissjoni (C-466/19 P, EU:C:2021:76, punti 43 u 44).

[39] Sentenzi tat-8 ta' Marzu 2016, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (C-431/14 P, EU:C:2016:145, punt 32), u tat-2 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs L-Italja *et* (C-425/19 P, EU:C:2021:154, punt 52).

106. Barra minn hekk, anki jekk wieħed jargumenta li, fin-nuqqas ta' provi konkreti prodotti mill-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tattribwixxi tali piż lill-affermazzjonijiet tal-Kummissjoni (*quod non*), dan fi kwalunkwe każ ma jammontax għal żnaturament tal-provi fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [40].

107. Fil-fatt, huwa biżżejjed li jingħad li ma kienx impossibbli għall-appellanti li jistabbilixxu li t-tariffa tas-sigurtà ma tħallsitx lura lil Ryanair, peress li huwa konċepibbli li analiżi tal-kontabbiltà ta' Ryanair kienet tkun kapaċi turi dan.

2. Il-marġni ta' sigurtà

108. Fir-rigward tal-marġni ta' sigurtà miżjud mill-awtoritajiet Awstrijaċi mal-valuri li ntużaw bħala bażi għall-kalkolu tal-ispejjeż operattivi inkrementali rilevanti għall-finijiet tal-analiżi tal-profittabbiltà tal-ftehimiet tal-2002, l-appellanti jsostnu li r-rapport tal-2018 minn Oxera, il-konsulent ekonomiku tagħhom, juri li l-istimi tal-Kummissjoni tal-ispejjeż inkrementali kienu għoljin b'mod inspjegabbli, u li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi billi injorat jew naqset milli tikkunsidra dan ir-rapport kif suppost (fil-punti 301 u 302 tas-sentenza appellata).

109. Huwa minnu li l-punti 301 u 302 ikkontestati mill-appellanti, ma jsemmux ir-Rapport Oxera tal-2018.

110. Madankollu, ma jirriżultax *ipso facto* li l-Qorti Ġenerali żnaturat dan id-dokument. Pjuttost, inqis li, bl-argument tagħhom, l-appellanti fil-fatt qegħdin ifittxu li jikkontestaw il-piż li din il-qorti attribwixxiet għall-argumenti tal-Kummissjoni għall-kuntrarju tal-argumenti tagħhom stess. Dan, madankollu, jammonta għall-appellanti li jitolbu evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi, li huwa inammissibbli fl-appell.

111. Barra minn hekk, is-sottomissjoni tagħhom hija bbażata fuq qari parzjali tas-sentenza appellata. L-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali tal-allegazzjoni usa' tal-appellanti fl-ewwel istanza bbażata fuq stima eċċessiva tal-ispejjeż inkrementali relatati mal-ftehimiet tal-2002 (il-marġni ta' sigurtà jagħmel parti minn dawn l-ispejjeż operattivi inkrementali) tidher fil-punti 288 *et seq*. tas-sentenza appellata. B'mod partikolari, fil-punti 289 u 296, il-Qorti Ġenerali tirreferi għar-Rapport Oxera tal-2018. Għaldaqstant, l-argument tal-appellanti li jgħid li ma sar l-ebda riferiment għal dan ir-rapport fis-sentenza appellata huwa sempliċement żbaljat u l-allegazzjoni tagħhom li l-Qorti Ġenerali injorat dan ir-rapport hija infondata.

112. Huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-ispjegazzjonijiet tal-Kummissjoni huma suffiċjenti sabiex tiġi miċħuda l-allegata dikjarazzjoni eċċessiva tal-ispejjeż operattivi inkrementali (inkluż il-marġni ta' sigurtà), mingħajr ma jkun neċessarju għaliha li ssemmi b'mod espliċitu r-Rapport Oxera tal-2018 fir-rigward ta' kull allegazzjoni magħmula mill-appellanti f'dan il-kuntest. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda żnaturament tal-provi mill-Qorti Ġenerali.

[40] Li huwa mfakkar fil-punt 99 ta' dawn il-konklużjonijiet.

3. Il-fattur tat-tagħbija

113. Il-fattur tat-tagħbija kien rilevanti għall-analiżi tal-profittabbiltà *ex ante* fir-rigward tal-ftehimiet tal-2002. Id-deċiżjoni kkontestata użat fattur ta' tagħbija ta' 70 %, li l-appellanti jqisu baxx wisq. Huma jsostnu li: (i) l-ASA tal-2002 stabbilixxiet fattur tat-tagħbija fil-mira ta' 76 %; (ii) il-Kummissjoni użat fattur ta' tagħbija ogħla ta' 85 % fl-analiżi tagħha tal-ftehimiet tal-2006; (iii) id-deċiżjoni kkontestata wriet li l-ajruport kellu operazzjonijiet ta' inġenji tal-ajru ċivili ftit wara t-twaqqif tiegħu fl-1915 u għalhekk kien ġabar "ħafna għexieren ta' snin ta' esperjenza fl-avjazzjoni ċivili"; u (iv) ir-Rapport Oxera tal-2018 wera li l-fattur tat-tagħbija fil-mira ta' 76 % kien qrib, għalkemm ftit inqas, il-fattur tat-tagħbija ta' madwar 80 % miksub minn Ryanair fin-network tagħha. L-appellanti jilmentaw li l-Qorti Ġenerali injorat, jew naqset milli tikkunsidra l-provi b'mod xieraq, u trattat l-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni b'mod superfiċjali.

114. Fil-fehma tiegħi, l-argumenti tal-appellanti għandhom jiġu miċħuda għal raġunijiet analogi għal dawk li qajjimt fir-rigward tal-marġni ta' sigurtà ta' iktar 'il fuq.

115. Il-Qorti Ġenerali tindika li l-ASA tal-2002 kellha fattur ta' tagħbija fil-mira ta' 76 % – l-istess kif isostnu l-appellanti f'dan l-aggravju – u li l-Kummissjoni użat 70 % fid-deċiżjoni kkontestata, mingħajr ma wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni, peress li l-ajruport, f'dan l-istadju, ma kellu l-ebda esperjenza ma' linji tal-ajru bi prezz baxx u li dawn il-linji tal-ajru kienu f'dak il-punt inqas stabbiliti sew milli huma issa.

116. Il-fatt li l-ajruport kien ilu jopera mill-1915 u għalhekk akkwista "esperjenza fl-avjazzjoni ċivili" ma jistax jikkontesta l-fatt li ma kellu ebda esperjenza ma' Ryanair jew ma' linji tal-ajru low-cost oħra fiż-żmien meta daħal fil-ftehimiet tal-2002. Fil-fatt, l-appellanti ma jikkontestawx dan.

117. Għaldaqstant, l-argument tal-appellanti li jgħid li l-Qorti Ġenerali injorat, jew ma kkunsidratx debitament il-provi mressqa quddiemha għandhom jiġu miċħuda bħala infondati. L-appellanti jistgħu ma jaqblux mal-evalwazzjoni tal-provi tal-Qorti Ġenerali, iżda dan ma jfissirx li dik il-qorti żnaturat dawn il-provi.

4. Konklużjoni dwar it-tielet aggravju

118. L-appellanti naqsu milli juru li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi, aħseb u ara li tali żnaturament huwa ovvju. Għaldaqstant, it-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

D. Fuq ir-raba' aggravju, ibbażat fuq żbalji ta' liġi fir-rigward tal-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata

119. L-appellanti jsostnu, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali kkonkludiet b'mod żbaljat li kemm l-eżistenza kif ukoll l-ammont ta' għajnuna għandhom jiġu evalwati biss fuq il-bażi ta' provi *ex ante*. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali naqset milli tindirizza l-argumenti tagħhom li għandhom isiru korrezzjonijiet għad-data *ex ante* fir-rigward ta' "fatturi direttament taħt il-kontroll tal-konċessjonant" iżda minflok irreferiet biss għall-iżviluppi "totalment fortuwiti". L-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat il-ġurisprudenza (li ma tipprekludix lill-Kummissjoni milli tagħmel tali korrezzjonijiet). Huma jsostnu li l-iżball tal-Qorti Ġenerali jirriżulta minn konfużjoni bejn l-"għotja" u l-"ħlas" tal-għajnuna.

120. Jidher li l-appellanti *de facto* qegħdin jiddubitaw il-bażi tat-test OES, jiġifieri l-kwistjoni dwar x'kien jagħmel investitur privat prudenti f'ekonomija tas-suq fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet.

121. L-argument tal-appellanti jidher ineffettiv. Fil-fatt, il-Qorti ddeċidiet b'mod ċar li għall-finijiet tal-applikazzjoni tat-test OES, "*huma rilevanti biss, [...] il-provi disponibbli u l-iżviluppi prevedibbli fil-mument li fih tkun ittieħdet id-deċiżjoni li tiġi adottata l-miżura inkwistjoni*" [41].

122. Għaldaqstant, "*elementi sussegwenti għall-mument li fih il-miżura kkonċernata ġiet adottata ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni* għall-finijiet tal-applikazzjoni [tat-test OES]" [42].

123. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, fid-dawl tal-ġurisprudenza imsemmija iktar 'il fuq, argument li permezz tiegħu l-appellanti tikkontesta l-fondatezza tal-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar l-evalwazzjoni tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata huwa *ineffettiv*, sa fejn huwa bbażat fuq it-teħid inkunsiderazzjoni ta' avvenimenti sussegwenti għall-għoti ta' miżuri inkwistjoni [43].

124. F'dan ir-rigward, inqis ukoll li, kuntrarjament għall-argumenti tal-appellanti, il-formulazzjoni tal-punt imsemmi iktar 'il fuq tas-sentenza Larko vs Il-Kummissjoni turi b'mod ċar li din tikkonċerna *kemm* l-eżistenza ta' għajnuna *kif ukoll* l-ammont ta' għajnuna li għandha tiġi rkuprata.

125. Kif irrilevat il-Kummissjoni, l-argumenti tal-appellanti jċajpru ż-żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq u joħolqu ċerta konfużjoni fl-appell tagħhom. Fi kwalunkwe każ, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali indirizzat b'mod korrett iż-żewġ sitwazzjonijiet li huma jirreferu għalihom ("tariffi ta' kummerċjalizzazzjoni effettivament imħallsa lil Ryanair jew LV u l-AMS matul il-perijodu rilevanti" u "aġġustamenti bbażati fuq data oħra dwar id-dħul u l-ispejjeż ex post li wriet stima eċċessiva ċara tal-ispejjeż").

126. L-ewwel, il-Qorti Ġenerali tosserva l-prinċipji tat-test OES, u tispjega, b'mod partikolari fil-punt 419 tas-sentenza appellata, li kemm l-eżistenza kif ukoll l-ammont tal-għajnuna għandhom jiġu evalwati fid-dawl tas-sitwazzjoni prevalenti fil-mument tal-għoti tagħha. Filwaqt li rreferiet għal dan il-prinċipju, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba tal-appellanti li l-Kummissjoni kellha "tikkoreġi" l-ispejjeż operattivi tal-ajruport b'provi *ex post* fil-kalkolu tal-*quantum* tal-għajnuna, kif spjegat fil-punti 427 sa 429 tas-sentenza appellata.

127. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali applikat korrettament is-sentenza Larko vs Il-Kummissjoni.

128. Ir-riferiment tal-appellanti għal "żbalji" hija qarrieqa peress li jirreferu għal informazzjoni li ma kinitx disponibbli fil-mument tal-għoti tal-għajnuna (bil-għan li jiġu kkoreġuti l-ispejjeż operattivi tal-2002 fuq il-bażi ta' data mis-sistema tal-kontabbiltà tal-ispejjeż tal-2005, liema sistema lanqas biss kienet disponibbli għall-Ajruport qabel). Minn perspettiva *ex ante*, huwa kompletament żbaljat li wieħed jitkellem minn "żbalji" meta jsir riferiment għal informazzjoni *ex*

[41] Sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Larko vs Il-Kummissjoni (C-244/18 P, EU:C:2020:238, punt 31). Ara wkoll il-punti 28 sa 30) (iktar 'il quddiem is-"sentenza Larko vs Il-Kummissjoni").

[42] Sentenza Larko vs Il-Kummissjoni, punt 32.

[43] Sentenza Larko vs Il-Kummissjoni, punt 113.

post. Minn dan isegwi wkoll li l-allegazzjoni tal-appellanti li tali "korrezzjoni" għandha ssir jekk l-"iżball" ikun fid-data tal-konċessjonant tal-għajnuna hija irrilevanti u fi kwalunkwe każ ineffettiva.

129. Naqbel mal-Kummissjoni li, kieku wieħed kellu jsegwi l-argumentazzjoni tal-appellanti, l-ammont ta' għajnuna jista' jiġi "kkoreġut" abbażi ta' data *ex post* ukoll għad-detriment tal-benefiċjarju. F'dan is-sens, fil-punt 421 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sempliċement ipprovdiet ċerti eżempji ta' żviluppi fortuwiti li jistgħu jirriżultaw f'varjazzjoni tal-ammont tal-għajnuna, iżda ma introduċietx rekwiżit li tali żviluppi għandhom ikunu lil hinn mill-kontroll tal-konċessjonant tal-għajnuna.

130. It-tieni, kuntrarjament għall-argumenti tal-appellanti, il-Qorti Ġenerali indirizzat korrettament is-sitwazzjoni fejn l-Awstrija setgħet temenda l-għajnuna li għandha tiġi rkuprata fir-rigward tal-ħlasijiet lill-benefiċjarju li fil-fatt ma kinux saru. Kif osservat il-Qorti Ġenerali fil-punt 422 tas-sentenza appellata, matul il-proċedura ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni, l-Awstrija kienet sostniet, li ċertu ftehim li jipprovdi għajnuna effettivament ma kienx daħal fis-seħħ peress li kien ġie ssostitwit bi ftehim ieħor. Madankollu, l-Awstrija ma pproduċiet l-ebda prova biex issostni din id-dikjarazzjoni. Konsegwentement, il-Kummissjoni inkludiet il-ftehim ikkontestat fil-kalkolu tal-ammont tal-għajnuna iżda ppermettiet lill-Awstrija taġġusta l-ammont ta' għajnuna li għandha tiġi rkuprata fi stadju iktar tard, suġġett għal prova li għandha tiġi pprovduta mill-Awstrija. Dan huwa spjegat fil-punti 422 u 426 tas-sentenza appellata. Huwa importanti li wieħed jinnota li kwalunkwe aġġustament bħal dan għandu jkun ibbażat fuq prova li kienet teżisti fiż-żmien meta ġew konklużi l-ftehimiet inkwistjoni.

131. Importanti jiġi osservat illi l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-ebda dispożizzjoni tad-dritt [tal-Unjoni] ma tobbliga lill-Kummissjoni, meta tordna l-irkupru tal-għajnuna ddikjarata inkompatibbli mas-suq komuni, li tiffissa l-ammont eżatt tal-għajnuna li għandu jiġi rkuprat. Huwa biżżejjed li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tinkludi informazzjoni li tippermetti lill-benefiċjarju jasal hu stess, mingħajr diffikultà żejda, għal dak l-ammont"[44].

132. Dan huwa l-prinċipju li fakkret il-Qorti Ġenerali fil-punt 415 tas-sentenza appellata u applikat għal din il-kawża fil-punti 422 sa 426 tagħha.

133. L-appellanti jsostnu li kemm il-kawża Larko kif ukoll il-kawża Freistaat Thüringen[45], invokati mill-Qorti Ġenerali (u mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata), kienu jikkonċernaw garanziji u dawn is-sentenzi ma jinkludux il-prinċipju li mhux biss l-eżistenza ta' għajnuna iżda l-ammont ta' din l-għajnuna għandhom jiġu evalwati fid-dawl tas-sitwazzjoni prevalenti fil-mument tal-għoti tagħha. Dan huwa allegatament konvenjenti għall-Kummissjoni peress li l-garanziji huma probabbilment l-uniku tip ta' miżura ta' għajnuna fejn id-distinzjoni bejn l-għotja u l-ħlas hija inqas ċara. Dan huwa dovut għall-fatt li l-ebda forniment attiv ta' fondi jew servizzi ma huwa meħtieġ mill-garanti wara l-għoti ta' garanzija u matul il-validità tal-garanzija.

134. L-ewwel, l-allegazzjonijiet tal-appellanti huma żbaljati. Fil-fatt, mill-punt 113 tas-sentenza Larko vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, jirriżulta li din tikkonċerna kemm l-eżistenza ta' għajnuna kif ukoll l-ammont ta' għajnuna li għandha tiġi rkuprata.

[44] Ara s-sentenza tal-20 ta' Marzu 2014, Rousse Industry vs Il-Kummissjoni (C-271/13 P, mhux ippubblikata, EU:C:2014:175, punt 77). Ara wkoll, is-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs Franza (C-441/06, EU:C:2007:616, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[45] Sentenza appellata, punt 419 li tirreferi għas-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2005, Freistaat Thüringen vs Il-Kummissjoni (T-318/00, EU:T:2005:363, punt 125), u s-sentenza Larko vs Il-Kummissjoni, punt 113.

135. It-tieni, ma nqisx li ċ-ċirkustanza inkwistjoni fil-punt 133 ta' dawn il-konklużjonijiet waħedhom huma biżżejjed sabiex din il-ġurisprudenza ma tiġix applikata f'dan il-każ [46].

136. Fil-fatt, l-għajnuna f'dan il-każ ma kinitx tikkostitwixxi trasferimenti sempliċi "pur" ta' somom ta' flus, mingħajr kumpens mill-ġdid, li l-ammonti tagħhom setgħu jiġu ddeterminati direttament. Minflok, huma kienu jikkostitwixxu diversi arranġamenti kuntrattwali kumplessi li permezz tagħhom l-ajruport (u għalhekk l-awtoritajiet pubbliċi) aċċettaw *in fine* li jġarrbu spejjeż – li operatur f'ekonomija tas-suq ma kienx jaċċetta li jġarrab – sa fejn dawn "ħallsu żżejjed" għas-servizzi rċevuti jew irrinunzjaw għal ċerti imposti (jew tariffi) dovuti.

137. Għalhekk, inqis li l-Kummissjoni setgħet ġustament tikkunsidra li dawn l-ammonti kellhom jiġu kkalkolati, kif indikat fil-premessa 563 tad-deċiżjoni kkontestata, "bl-użu tal-parti negattiva tal-fluss inkrementali previst (dħul nieqes l-ispejjeż) fil-mument tal-konklużjoni tat-tranżazzjoni".

138. Fil-fatt, huwa preċiżament f'dak il-mument li l-impenn tar-riżorsi tal-Istat f'dan il-każ ikkristallizzat u li għandu, għalhekk, jintuża għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-vantaġġ li minnu bbenefikaw l-appellanti u *in fine* l-ammont ta' għajnuna li għandha tiġi rkuprata.

139. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

140. Fl-aħħar nett, anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li ma ssegwix l-analiżi fil-konklużjonijiet tiegħi li dan l-aggravju huwa ineffettiv, inqis li dan l-aggravju għandu fi kwalunkwe każ jiġi miċħud bħala infondat.

141. Fil-fatt, għalkemm il-vokabularju użat fil-punti kkontestati tas-sentenza appellata jista' jitqies li xi kultant ivarja, jidhirli li mill-qari globali ta' din is-sentenza jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma kkontestatx il-fatt li l-obbligu ta' rkupru ta' għajnuna mħallsa kontra l-liġi huwa intiż li jreġġa' kollox lura għas-sitwazzjoni ta' qabel il-ħlas tagħha, sabiex tiġi eliminata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni kkawżata mill-vantaġġ kompetittiv mogħti mill-għajnuna illegali [47].

142. Barra minn hekk, id-distinzjoni li l-appellanti jfittxu li jagħmlu bejn l-għoti tal-għajnuna u l-ħlas tagħha tidher li hija debboli meta dak li huwa inkwistjoni ma huwiex skema ta' għajnuna iżda għajnuna individwali.

143. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv u, fi kwalunkwe każ, infondat.

144. Peress li l-aggravji kollha huma infondati, jeħtieġ li l-appell jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

IV. Konklużjoni

145. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

[46] Ara il-ġurisprudenza ċċitata fis-sentenza Larko vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punti 28 sa 32).

[47] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Settembru 2022, Fossil (Gibraltar) (C-705/20, EU:C:2022:680, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tal-5 ta' Marzu 2019, Eesti Pagar (C-349/17, EU:C:2019:172, punt 131 u l-ġurisprudenza ċċitata).